MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 76/1996/1

Cassar Weaving Limited .

VS

Jane Portelli u George Portelli .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi Jane Portelli kienet impjegata mal-kumpanija attrici Cassar Weaving Limited u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu, 1994, hija rrapportat illi kienet wegghet fuq ix-xoghol u illi ma kenitx kapaci tattendi ghax-xoghol taghha .

Illi l-konvenuta damet ma tattendix ghax-xoghol fuq "sick leave" sal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru, elf disa'

mija erbgha u disghin (1994), sakemm ix-xoghol taghha mal-kumpannija gie terminat bi ftehim maghha stess .

Illi fil-frattemp pero’ l-konvenuta Jane Portelli lahqet hadet beneficcji sostanzjali u ghajnuna minhabba l-allegata debilita’ illi hija kienet qeghda tbati minnha .

Illi aktar tard il-konvenuta thallset ghal dawn il-beneficcji minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, u skond il-ligi hija kienet tenuta illi tirrifondi lill-kumpanija l-beneficcji illi hija hadet minghandha .

Illi minkejja illi hija accettat illi tirritorna dawn il-beneficcji lura, hija baqghet sal-lum ma rrifondiethomx interament minkejja diversi interpellazzjonijiet f’dan is-sens .

Illi l-konvenuta ghad fadlilha thallas lura s-somma ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira maltija (LM343), liema ammont jigi illi thallas lilha indebitament .

Talbet lill-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara illi hija rceviet indebitament u minghajr ebda dritt minghand il-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira maltija (Lm343) f’beneficcji u ghajnuna illi ma kienux dovuti lilha ;

2. konsegwentement tikkundannaha tirrifondi din is-somma lill-kumpanija attrici .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-4 ta’ Jannar, 1995, u tal-ittra ufficjali ta’ Settembru 1995, kontra taghha .

Bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-effettiva rifuzjoni, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hija ngunta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess socjeta’ attrici kkonfermata bil-gurament ta’ Anton Cassar, ghan-nom tal-istess socjeta’ attrici .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi ma hux minnu illi l-konventa rceviet xi hlas indebitu minghand is-socjeta’ attrici .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluza x-xhieda prodotti, u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat,

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qeghda titlob is-somma indikata fic-citazzjoni, li hija tikkontendi illi giet imhallsa indebitament lill-konvenuta, u dana in segwitu ghall-pagament illi kien sar lilha bhala hlas ta’ sick leave illi hija inghatat fiz-zmien indikat fic-citazzjoni ghaz-zmien illi kienet naqset milli tattendi ghax-xoghol, minhabba mard .

Irrizulta wkoll minn l-atti tal-kawza u mill-provi prodotti, illi l-konvenuta Jane Portelli, ghal l-istess perijodu kienet irceviet pagamenti mid-dipartiment tas-servizzi socjali rigwardanti l-istess zmien illi hija naqset illi tattendi ghax-xoghol fil-fabbrika li s-socjeta’ attrici ghandha fix-Xewkija .

Jidher ukoll mill-provi ta’ l-istess konvenuta, illi din qeghda tikkontendi illi ghandha zzomm ukoll l-ammont illi hija thallset minghand is-socjeta’ attrici, bhala kumpens ghal danni illi hija tikkontendi illi garrbet fuq ix-xoghol fl-istess fabbrika . U dana ghal kemm hija tammetti illi kienet thallset ghal perijodi li hija damet ma tmurx ghax-xoghol mill-istess Dipartiment tas-servizzi Socjali, kif ga ssemma’ .

Il-Qorti pero’, ma taqbilx ma’ dak li tikkontendi l-konvenuta f’dan ir-rigward, peress illi jekk din tippretendi li ghandha tiehu xi haga bhala kumpens minghand il-kumpanija li hija maghha kienet tahdem, ghal xi danni illi allegatament gew

ikkagunati lilha in konnessjoni ma' dan ix-xoghol, hija kellha tfittex lill-istess kumpanija b'kawza *ad hoc,* u mhux tippretendi tidher qed taghmel, kumpens permezz ta' din il-kawza stess .

Il-Qorti ghal hekk, u peress li jidhrilha ghal dawn ir-ragunijiet illi t-talbiet attrici huma gustifikati, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi l-konvenuta rceviet indebitament u minghajr ebda dritt minghand il-kumpannija attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira maltija (Lm343) f'beneficcji u ghajnuna li ma kienx dovut lilha ; u
2. Konsegwentement tikkundannaha tirrifondi din l-istess somma lill-kumpanija attrici .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-4 ta' Jannar, 1995, tal-4 ta' Awissu, 1995, tat-18 ta' Settembru 1995, u ta' l-ittra ufficjali ta' settembru 1995 kollox kontra l-istess konvenuta, u dana bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, ukoll kontra l-istess konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------